**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 28 ta' Ottubru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**-vs-**

**Dylan Mc Kay, detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 152494M**

Kumpilazzjoni Nru. 1232/14

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Dylan Mc Kay, talli:

Fid-9 ta' Novembu, 2014, għall-ħabta tad-21:30 ġewwa Paceville, San Ġiljan flimkien ma' persuni oħra:-

1. ikkommetta serq ta' arloġġ Rolex, *mobile phone* u/jew xi oġġetti oħra minn fuq il-persuna ta' Wayne Lughermo liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-ħin għad-detriment tal-istess Wayne Lughermo u/jew ta' xi persuna/i ohra;

2. flimkien ma' persuni oħra, bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew

issekwestra lil Wayne Lughermo kontra l-volontà tiegħu liema persuna waqt l-arrest, żamma jew sekwestru ġie offiż fuq il-persuna u/jew mhedded bil-mewt, bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Wayne Lughermo f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Wayne Lughermo liema ħsara ġiet klassifikata bħala ħafifa minn Dr. Stefan Camilleri (Med Reg 1771);

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat Dylan Mc Kay, iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-6 ta' Lulju, 2015,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 261(a), (c) u (f), 262(1)(a), 267, 270, 274(c) u (d), 277(a), 279(b), 280 u 281 tal-Kap 9. tal-Liġijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikolu 86 u 87(1)(c) u (e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikolu 214, 215 u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'serq, zamma jew sekwestru tal-persuna kif ukoll offizi hfief fuq Wayne Lughermo.

Illi l-provi f'dan il-kaz huma ghal kollox msejjsa fuq ix-xhieda tal-parte leza, Wayne Lughermo, li kien xehed li fid-9 ta' Novembru, 2014, li waqt li kien il-Havana ma xi hbieb ltaqa mal-imputat li waddablu trab got-tazza tal-vodka li kien qed jixrob minnha. Jghid li kull ma ghamel x'hin induna b'dan kien li rema it-tazza. Jghid li kien ilu jixrob f'postjijiet diversi minn kmieni wara nofsinhar u mar Havana wara xi 7.30pm. Kien f'mument minnhom wara li kien rema d-drink li kien qed jixrob, li l-imputat qallu johrog mieghu sabiex immur gol-vettura tieghu li kienet fil-*parking area* faccata tal-Havana. Dan mar jakkumpanjah, izda ma gab xejn mill-vettura. <u>F'dak il-hin l-imputat kien mexa ak</u>tar il-quddiem minn

[1] Fol.163

Lughermo u ma rahx izjed ghax dahar ghall-wara l-karozzi u dan meta kien hu li talab lill-parte leza tmur mieghu fil-karozza!

Illi Lughermo jghid li kif kienu fil-*parking area* hass xi hadd jaqbdu minn ghonqu u dak il-hin tqaccatlu l-arlogg Rolex minn fuq idu. Lughermo jispjega li hu kien ma Johann maghruf bhala il-Komu meta kien gie fuqhom Dylan li kien ma xi hbieb ohra fosthom certu Luke u Andre. Importanti li jghid Lughermo li kollha kienu liebsin qomos izda hu kien ra ftit x'kien liebes l-aggressur - flokk bil-*hoodie* kannella (fl-istqarrija moghtija lill-espert legali Dr Leontine Calleja jghid li din kienet *'cream'*[2]). Hekk kif kien qed jigi aggredit beda jsejjah lill-imputat u dan wara ftit irritorna izda dan kien wara li kien gie misruq. Lughermo jghid li insteraqlu l-mobile Samsung S5[3] u arlogg Rolex li jiswa xi €3,000[4] li gie mqaccat minn fuqu. Jghid li l-mobile ittiehed meta kien safa mal-art u kien beda jghid li ried iccemepel lill-Pulizija ghall-ghajjut. Ir-rolex kien inxtara minn fuq l-idejn minghand Raphel Busuttil. Skond Lughermo Dylan kien ilu jsaqsih sabiex ibieghlu l-Rolex li kien xtrah xahrejn qabel, izda jghid ukoll li Dylan kellu wiehed bhalu. Jzid li hu kien xtara mobile iehor u zamm l-istess numru, u l-ghada tal-akkadut kien ircieva telefonata minn xi hadd jismu Andre li saqsa ghall-imputat. Evidenza importanti hi dik moghtija mill-parte leza lill-espert legali Dr Leontine Calleja ghaliex hawnhekk jghid li *Dylan dahar ma karozza Peugot meta effettivamane il-karrozza tieghu kien van Renault.*[5] Jghid li l-imputat akkumpanjah l-Ghassa biex jaghmel rapport, u peress li mill-ghassa ntbghat il-Polyclinic, l-imputat tah flus ghal taxi biex immur il-polyclinic u d-dar jigbor l-i.d. card.

Illi l-Qorti tistqasi: Jekk l-imputat riedu johrog mieghu ghaliex beda miexi aktar il-quddiem mill-parte leza? X'kien l-iskop li marru fil-vettura meta skond Lughermo meta l-imputat gie lura dan ma kien gab xejn minnha? Ghalxhiex l-parte leza thalliet wahedha meta fl-ewwel lok ma kienitx hi li kellha ghalfejn tohrog mill-istabbiliment fejn kienet qed tixrob? Possibli ma ra xejn wara li siehbu beda jghajjatlu fil-hin tal-aggressjoni, dawn li kienu flimkien? Lughermo jghid li nqabad minn ghonqu izda kien baqa jghajjat ghall-siehbu, li rritorna hekk kif l-aggressur/i kien halla/hallew il-post.

Illi Dr Stefan Camilleri li kien ezamina lill-parte leza jixhed li dan kien soffra griehi hfief. Ritratti tal-griehi sofferti jinsabu fir-relazzjoni ta' PS644 Evan

---

[2] Fol.113
[3] Xhieda ta' PS1456 fol.80 mobile kien jiswa madwar €600
[4] Dok. JC2 - PIRS
[5] Fol.114

Camilleri.[6] Ic-certifikat mediku jindika li l-parte leza kellhu gerha fuq il-polx kompattibli ma gbid ta' xi haga minn fuq l-idejn.

Illi l-ispettur investigattiv James Grech xehed dwar dak li rrizultalu mill-investigazzjonijiet fosthom il-fatt li l-parte leza kienet qaltlu li hekk kif niezel mal-imputat fil-*parking area,* McKay kien harab ghall-ebda raguni. Sakemm Lughermo beda jara ghaliex l-imputat kien ghosfor, kien safa aggredit. Jghid ukoll li missier l-imputat kien qal lill-parte leza li persuna maghrufa bhala il-'bakuxx' kienet serqitu izda ghalkemm din il-persuna dehret fuq il-footage ftit metri il-boghod minn fejn sehhet is-serqa, il-pulizija ma setghetx torbtu mal-aggessjoni. L-imputat ittiehditlu stqarrija mill-istess ufficjal fejn dwar l-allegazzjonijiet li hu kien induca lil Lughermo johrog mill-Havana sabiex jigi misruq u aggreddit, ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda mistoqsija. L-ispettur jikkonferma li tant kemm gie maghfus ghonq Lughermo, xuftejh spiccaw ta' kulur vjola.

Illi meta rega xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta, Lughermo jghid li meta ra lill-imputat jitfa xi haga fid-drink tieghu u halla t-tazza hemm izda ma saqsieh xejn dwar x'kien tefa. Sinifikanti hu l-fatt li meta nizel fil-parking **il-vettura tal-imputat ma kienitx hemm** filwaqt li jerga jikkonferma dak li kien qal lill-investigaturi u lill-espert tal-Qorti **li x'hin dahhlu fil-parking, l-imputat telaq jigri lejn il-Havana**. Ix-xhud jissuspetta li kien hemm xi ftehim bejn l-imputat mal-'bakuxx' ghax ezatt kif sehhet is-serqa rega gie lura. Importanti ukoll il-fatt li ghalkemm l-imputat kien libes arlogg u gizirana hu ukoll, is-serqa saret fuq Lughermo biss, u dan meta kienu flimkien! Lughermo spjega li l-mobile ttiehiedlu mil-but biex ma jkunx jista jsejjah ghall-ghajnuna.

Illi l-parte leza kompliet tixhed li kien **ircieva telefonata minghand certu Andre ghal Dylan fuq il-mobile number tieghu**, ghax wara s-serqa gab linja ohra bl-istess numru. Il-Qorti kienet tistenna li l-prosekuzzjoni ttelgha bhala xhieda kemm lil Andre, habib tal-imputat, li seta' jitfa dawl fuq ir-raguni li cempel ghal Dylan fuq numru ta' Lughermo, izda dan ma sehhx. L-istess jinghad ghal il-'bakuxx' u Tonio Mc Kay, missier l-imputat li minn jeddu ta €5 lil Lughermo. Lughermo jikkonferma li ssusspetta l-imputat kien involut wara li xi ftit granet wara l-aggressjoni kien iltaqa' ma missier l-imputat li sahansitra kien qallu li l-bakuxx kienipprova jbiehlu l-arlogg u li ibnu ma kellhux x'jaqsam.[7]In kontro-ezami Lughermo jirrepeti dak li l-Qorti tara hu ferm rilevanti *"...**qalli gej mieghi ingib xi haga minn gol-karozza, u l-karozza tieghu lanqas kienet hemm,** jigifieri mahduma kienet l-istorja."*[8]

---

[6] Fol.95 et seq.
[7] Fol. 182-183, 190
[8] Fol.187

Illi jghid li kien hu li *"..ghidtlu ejja mieghi ha mmur naghmel rapport l-ghassa.....ghidtlu x'gara qas biss kellimni xejn."*[9] Dan ifisser li l-ghassa hu kien gie akkumpanjat mill-imputat ghax kien hu li talbu jmur mieghu; l-imputat ma jirrizultax li offrielu hu biex jiehdu l-ghassa. Fil-fatt wara li *"..gie mieghi l-ghassa mbaghad qalli ha nkompli mal-ohrajn jiena. Mar il-Havana mbaghad mort il-policlinic wahdi jiena ghax kellhi hawnhekk vjola u demm f'idi...".* Rilevantissimu hu l-fatt li biex marru l-ghassa marru b'taxi *"Avukat: Biex mortu? ..Xhud: Mhux b'taxi....Avukat: Qbadtu taxi flimkien u mortu l-ghassa u hallasha hu. Xhud: Ehe....Imbaghad hu telaq qalli ha nkompli Havana jien nixrob".* [10]

Il-Qorti taghmel dawn il-mistoqsijiet. **Fejn kienet il-karozza allura tal-imputat**? Kieku kien bil-vettura fil-parking ghalfejn kellhom immorru l-ghassa b'taxi? **Ghaliex gieghel lil Lughermo jhalli l-Havana u jinzel mieghu fil-parking biex igib xi haga mill-vettura tieghu meta il-vettura ma kienitx hemm?** Kif tasal biex thalli lil siehbek wahdu f'mument daqshekk skoncertanti ezatt wara agressjoni, u di piu' meta suppost kien daqshekk vicin tal-aggressjoni fejn seta` safa hu ukoll vittma??Kif kienu passi l-boghod minn xulxin u tal-iskantament ma sema u ma ra xejn hekk kif siehbu kien qed jisfa aggredit?

Illi mill-atti processwali l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li s-serqa sehhet ghal skop specifiku. Id-dinamika u l-heffa taghha jixhdu li l-aggessur/i kien/u jaf/u x'kellu jittiehed u f' liema waqt u mument. Din turi li assolutament ma kienitx xi serqa *at random*. Kienet determinata u preciza ghalkemm ftit tirrikjedi xi pjanar elaborat. Taht pretensjonijiet foloz Lughermo gie ingannat sabiex immur mal-imputat gol-parking, bis-serqa isehh ezatt f'dak il-hin li l-parte leza thalla wahdu mill-imputat, mumenti qabel is-serqa meta, minghajr spjegazzjoni, qabad u telaq jigri lejn il-Havana! Lughermo thalla wahdu precizament minn dak li talbu jmur mieghu fil-post preciz fejn sehhet is-serqa u l-aggressjoni! Fil-post fejn suppost kien hemm il-vettura fantazma tal-imputat!

Wara li qiset il-provi migjuba quddiema il-Qorti ssib lill-imputat Dylan Mc Kay hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta. Ittiehdet konsiderazzjoni tal-fatt li dan hu l-ewwel reat tal-imputat li kien ghad ghandu ghoxrin sena meta dan sehh. Illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni.

---

[9] Fol.179
[10] Fol.187-188

Għalhekk wara li rat l-artikoli 17, 31, 86, 87(1)(c), 214, 215, 221(1)  261(a),(c) (f), 262(1)(a), 267, 270, 274(c) (d), 275, 277(a), 279(b), 280 u 281 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

Inoltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas is-somma ta' tlett elef u sitt mitt Euro (€3,600) lil parti leza u dana fi zmien sentejn ratejalment bl-ewwel pagament jsir dovut fl-ahhar ta' Novembru, 2016.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1185.03c rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**